# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 20 ta' Lulju 2020**

**Numru 19**

**Rikors numru 198/19/3 TA**

**George Degiorgio**

**v.**

**L-Avukat Ġenerali, il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Kap tas-Servizzi tas-Sigurta` u b'digriet tas-16 ta' Ottubru 2019 ġew ammessi jintervjenu fil-kawża l-Avukat Peter Caruana Galizia u Matthew, Andrew u Paul aħwa Caruana Galizia**

**Il-Qorti:**

1. Ir-rikorrent appella minn digriet tal-ewwel Qorti li bih ċaħditlu t-talba li saret bir-rikors tal-14 ta' Ottubru 2019 fejn talab lill-Qorti:

> *"Għal dawn ir-raġunijiet l-esponenti umilment jitlob illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tagħti provvediment interim fis-sens illi l-proċeduri fil-konfront tiegħu permezz tal-att tal-akkuża bin-numru 7/2019 fl-ismijiet ir-Repubblika ta' Malta v George Degiorgio et quddiem il-Qorti Kriminali jiġu sospiżi b'effett immedjat sakemm ikun hemm eżitu defenittiv f'din il-kawża u dana taħt dak il-provvedimenti kollha illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrulha xierqa u opportuni".*

2. Talba li saret fil-kawża kostituzzjonali li ppreżenta r-rikorrent fejn qiegħed isostni li sofra ksur tal-Artikolu 6 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem b'referenza għall interċettazzjonijiet ta' komunikazzjoni bit-telefon li jallega li saru illegalment u dwar il-liġi li tirregola interċettazzjonijiet (Att dwar is-Servizz tas-Sigurta, Kap. 391).

3. Fir-rikors promotur ir-rikorrent argumenta:-

> *"Illi l-esponenti huwa tal-fehma illi tenut kont tal-portata ta' dina l-kawża kostituzzjonali illi l-eżitu tagħha jimpinġi fuq l-arrest u t-taħrik tiegħu (u tal-ko-akkużati) u l-mod illegali kif saret l-investigazzjoni u l-allegati interċettazzjonijiet telefoniċi, ma hemmx lok illi jibda s-smigħ quddiem il-Qorti Kriminali qabel ma jkun hemm eżitu defenittiv f'din il-kawża".*

4. Fid-digriet tas-16 ta' Ottubru 2019 l-ewwel Qorti irraġunat:

> *"Ai fini ta' dawn il-proceduri, jrid jigi pprovat li jezisti riskju serju ta' perikolu jekk it-talba tar-rikorrent ma tintlaqax. Il-fatt li dan il-punt tqanqal bhala eccezzjoni fil-proceduri kriminali, jinnewtralizza l-element ta' riskju serju ta' perikolu. Anzi, dan ifisser, li dwar dan il-punt partikulari, ser ikollu smigħ minn Qorti li hija imparzjali u indipendenti.*
>
> *Kuntrarjament ghal dak li qieghed jilmenta minnu r-rikorrent, il-proceduri li qieghed jipprova jwaqqaf, huma l-istess proceduri li qed jiggarantulu li ser ikollu smigħ f'dan ir-rigward. Ir-rikorrent ma jistax ipotetikament jeskludi x'ezitu decizjonali ser ikun hemm inkwantu jirrigwarda dan l-ilment partikulari quddiem il-Qorti Kriminali u dan indipendentement mill-fatt li fuq pjan sostantiv dan il-punt xorta ser ikun ikkunsidrat fil-kawza kostituzzjonali........*
>
> *Konsegwentment, galadarba ma jezistix dan l-element inkwantu jirrigwarda dan l-ilment partikulari, ma jistax jinghad li ser ikun hemm konsegwenzi rreversibbli. Tenut kont ukoll li mid-decizjoni li tista' taghti dik il-Qorti fuq dan il-punt jezisti ukoll d-dritt ta' appell u dan fit-termini ta' dak li jipprovdi l-artikolu 499 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*
>
> *Il-Kap 391 jilledi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent.*

*Il-Qorti tibda biex taghmel din l-osservazzjoni. Dan l-ilment ma jiddependix fuq l-ilment l-iehor biex jirnexxi. Il-pretensjoni, li l-Kap 391 tal- Ligijiet ta' Malta, jikser id-drittijiet fundamentali tar-rikorrent kif spjegati fir-rikors Kostituzzjonali tieghu, huwa ilment li seta' tqanqal anke fi zmien bikri tal-kumpilazzjoni. Ir-Rikorrent ghar-ragunijiet li jafhom hu, hass li ghandu jaghmel dan l-ilment meta kien inhareg Att ta' akkuza u imminenti li jinbdew il-proceduri quddiem il-Qorti Kriminali.*

*Il-Qorti qed taghmel dawn l-osservazzjonijiet minghajr ebda riflessjoni fuq il-fondatezza o' meno ta' dan il-ilment minn aspett sostantiv kostituzzjonalment. Jibqa' dejjem dritt tar-Rikorrent li jaghmel dan ix-xorta ta' ilment meta jidhirlu, aktar l-aktar meta azzjoni bhal din hija impreskrivibbli fil-ligi. Li qed tosserva l-Qorti huwa biss meta hass li ghandu jressaq dan l-ilment, ghaliex minhabba f'hekk issa qieghed jitlob li jinghata ordni ad interim biex jieqfu l-proceduri quddiem il-Qorti Kriminali.*

*Din il-Qorti temmen, li fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, azzjoni ta' din ix-xorta ghandha tigi ezercitata fil-mument idoneju biex tigi evitata l-konsegwenza li ggib fix-xejn l-ingranagg ta' proceduri ohrajn meta dan seta' jkun evitat b'mod tempestiv. Il-proceduri li hemm pendenti issa, wara li hareg l-att ta' akkuza, kienu prevedibbli minn zmien ilu. Dan qieghed jinghad biss u limitatament ai fini tat-talbiet li ghandha quddiemha din il-Qorti f'dawn il-proceduri, ghax ghall-bqija l-pretensjonijiet tar-rikorrent f'dan ir-rigward ghad iridu jkunu ezaminati fis-sustanza taghhom fil-kawza Kostituzzjonali imsemmija.*

*Fis-sottomissjonijiet tieghu, l-abbli difensur tar-rikorrent spjega, li dan l-ilment ma sarx qabel, sabiex jevita multiplicita` ta' kawzi, peress li kien hemm l-ilment l-iehor dwar il-mod kif saru l-intercettazzjonijiet telefonici. Ghalhekk kien jehtieg li tispicca l-kumpilazzjoni biex jitressaq dan l-ilment. Minn naha l-ohra l-Qorti tqis, li li kieku dan l-ilment sar fi stadju aktar bikri tal-proceduri kriminali kontra r-rikorrent, f'kaz ta' gudizzju favorevoli, anke l-ilment l-iehor kien ikun assorbit f'dak il-gudizzju. Aktar minn hekk, meta r-rikorrent jinghata smigh quddiem il-Qorti Kriminali fuq l-eccezzjoni fuq imsemmija f'kaz li jinghata ragun, allura anke dan l-ilment jigi risolt, jekk mhux fir-rigward ta' dawn il-proceduri, zgur sa fejn jintlaqtu l-interessi tieghu fil-proceduri kriminali li bir-rikors odjern qieghed jittenta jwaqqaf.*

*Fl-ahhar nett, hemm punt iehor f'dawn il-proceduri li fil-fehma ta' din il-Qorti ghandu jinghata piz xieraq. Ir-rikors inkwistjoni qieghed isir minn wiehed minn tlett ko-akkuzati fil-proceduri Kriminali. It-tnejn l-ohra ma hassewx il-htiega li jaghmlu rikors simili. Il-fehma ta' din il-Qorti talba simili teffettwa ukoll l-interessi taz-zewg ko-imputati l-ohra. In mankanza*

*ta' rikors simili da parti taghhom, il-Qorti ma tistax tipprezumi li huma ukoll jridu li l-proceduri kriminali jieqfu bil-mod li qieghed jitlob ir-*

*rikorrent bir- rikors odjern. Ghalhekk fil-konsiderazzjonijiet taghha din il-Qorti ma setghetx ma tqisx l-interessi taz-zewg ko-imputati l-ohra.*

*Fid-dawl ta' dan kollu ma jirrisultax li r-rikorrent ghandu xi dritt prima facie sabiex it-talbiet tieghu fir-rikors tal-14 ta' Ottubru 2019 jintlaqghu".*

5. B'rikors preżentat fl-4 ta' Novembru 2019, ir-rikorrent appella mid-digriet tal-Qorti bl-aggravji jkunu:

*"- L-ewwel Onorabbli Qorti naqset għal kollox milli tqis illi l-funzjoni primarja tagħha fl-ambitu ta' talbiet għal interim measure huwa wieħed li tipprevjeni li jkun hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem u dana kuntrarjament għal Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fejn fl-istess ambitu dik il-Qorti għandha aktar il-funzjoni illi tagħti rimedju;*

*- L-ewwel Onorabbli Qorti naqset għal kollox milli tgħid illi l-esponenti għandu każ prima facie u illi għalhekk irnexxielu jipprova l-ewwel element meħtieġ mill-ġurisprudenza għall-għoti ta' interim measure;*

*- L-ewwel Onorabbli Qorti kienet għal kollox żbaljata kemm fejn irriteniet illi l-każ odjern ma jippreżentax ċirkostanzi estremi jew eċċezzjonali li jistgħu jiġġustifikaw l-għoti ta' interim measure kif ukoll fejn irriteniet illi l-esponenti ma rnexxilux juri li jista' jġarrab ħsara irrimedjabbli"*.

6. L-intimati u l-intervenuti fil-kawża wieġbu u taw ir-raġunijiet għalfejn din il-Qorti għandha tiċħad l-appell.

7. Fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2017 id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li jistrieħu fuq dak li hemm fl-atti.

8. Il-każ hu relatat ma' interċetazzjonijiet bit-telefon li r-rikorrent jilmenta li saru bi ksur tal-Att dwar is-Servizzi tas-Sigurta (Kap. 391) u li dwarhom ma tressqet l-ebda prova fil-kawża kriminali. Isostni li qiegħed jinżamm arrestat minħabba *"5.1 prova li ma teżistix jew ma saritx kif kellha ssir skond il-liġi"*. Pero` fil-kawża kostituzzjonali qiegħed jitlob

rimedju minħabba li jallega ksur tal-Artikoli 6 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

9. Fl-ewwel aggravju r-rikorrent jilmenta li dmir ta' din il-Qorti hu li, *"6.6 tipprevjeni l-ksur ta' drittijiet fundamentali u mhux li tagħti rimedju għal ksur ta' drittijiet fundamentali li jkun ġja seħħ"*. Kompla:-

> *"6.7 L-esponenti jsostni illi kieku l-ewwel Onorabbli Qorti segwiet dan l-insenjament, hija kellha neċessarjament tasal għal konklużjoni illi hija kellha l-funzjoni primarja illi tipprevjeni l-ksur ta' drittijiet fundamentali, anke jekk tali ksur huwa biss possibilta'. L-esponenti jgħid u jsostni illi l-ewwel Onorabbli Qorti u dina l-Onorabbli Qorti bħala għandha l-funzjoni u d-dmir illi tara li d-drittijiet fundamentali tiegħu ma jiġux miksura u mhux illi tippermetti li jkun hemm possibilta' li jiġu miksura imbagħad semmai jara l-esponenti wara tali ksur;*
>
> *6.8 Dana l-aggravju tal-esponenti ifisser neċessarjament illi dina l-Onorabbli Qorti għandha tibdel il-ġurisprudenza tagħha fejn in kwantu għal dak illi jirrigwarda l-għoti ta' interim measures hija tapplika b'mod għami l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u dana billi, kif spjegat mill-Imħallef Emeritus Giovanni Bonello, tali ġurisprudenza ma tapplikax għal Qrati domestiċi".*

10. F'dan l-aggravju r-rikorrent jagħti lill-Qorti x'tifhem li telaq mill-premessa li seħħ u għadu qiegħed iseħħ ksur tad-drittijiet fundamentali protetti taħt Artikolu 6 u 8 tal-Konvenzjoni. Pero` kif ser jirriżulta mill-konsiderazzjoni tal-aggravji l-oħra, għad hemm biss allegazzjoni. Fid-digriet l-ewwel Qorti ma qalitx li ma tistax tingħata ordni *ad interim* sabiex jitwaqqaf ksur ta' dritt fundamentali protett taħt il-Konvenzjoni. Għalkemm ir-rikorrent qal li talab għal miżura *"..... kawtelatorja jew ta' prevenzjoni sabiex ma jkunx hemm ksur jew ksur ulterjuri tad-drittijiet fundamentali invokati minnu"*, s'issa bħala fatt ma rriżultax *prima facie* li hemm indikazzjonijiet li inkisru jew qed jinkisru jew x'aktar ser jinkisru d-drittjiet fundamentali protetti taħt l-Artikoli 6 u 8 tal-Konvenzjoni, u li jiġġustifikaw li jitwaqqfu l-proċeduri kriminali **Ir-Repubblika ta' Malta v. George**

**Degiorgio et** (att ta' akkuża 7/2019) sakemm tkun deċiża l-kawża kostituzzjonali 198/2019. Wieħed irid jiftakar ukoll li ħafna drabi dawn it-tip ta' miżuri jintalbu fi stadju bikri tal-proċeduri meta jkunu għadhom ma nstemgħux provi u meta quddiem il-Qorti jkun hemm biss allegazzjonijiet.

11. Fit-tieni aggravju l-appellant argumenta:-

> *"7.4..... Quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti irriżulta illi l-fatti kif esposti mill-esponenti ma kinux kontestati: fl-investigazzjoni kontra tiegħu, intużaw allegati interċettazzjonijiet telefoniċi li mingħajrhom lanqas biss kien jitressaq l-esponenti iżda mbagħad tul is-smigħ tal-provi fil-kumpilazzjoni, l-Avukat Ġenerali u l-Uffiċjal Prosekutur naqsu mill jressqu prova illi kien hemm mandat jew warrant illi jawtorizza tali interċettazzjonijiet telefoniċi, il-Kap tas-Servizzi tas-Sigurta' ma ikkonfermahomx bil-ġurament, ma ippreżentax recording u lanqas traskrizzjoni tal-istess. Inoltre minkejja protest ġudizzjarju u ittra uffiċjali li bihom l-esponenti talab illi jigu ippreżentati l-mandat, ir-recordings u t-traskrizzjonijiet, l-intimati baqgħu għal kollox passivi.*
>
> *7.5 B'din il-prova (jekk qatt tista' tissejjaħ hekk), l-esponenti mhux biss ġie investigat u arrestat iżda baqa' jinżamm taħt arrest preventiv u issa bdew il-proċeduri quddiem il-Qorti Kriminal fil-konfront tiegħu.*
>
> *7.6 Quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti, l-intimati ma wieġbux b'mod illi jista' jserraħ moħħ l-esponenti iżda stqarrew illi ladarba tali interċettazzjonijiet telefoniċi illi dwarhom xehed l-Uffiċjal Prosekutur ma ġewx ippreżentanti kif suppost, tali prova 'ma teżistix'. Issa jekk tali prova ma teżistix u l-esponenti qiegħed jinżamm arrestat u ser jibda jiġi ipproċessat għab-bażi ta' tali prova, huwa żgur illi għandu l-jedd prima facie meħtieg mill-ġurisprudenza sabiex jitlob il-ħruġ ta' interim measure fis-sens illi l-proċeduri fil-konfront tiegħu ma jitkomplewx sakemm ma jkunx hemm eżitu fil-kawża fil-mertu ippreżentata mill-esponenti kontra l-intimati".*

12. L-ilment tar-rikorrent hu bażat fuq provi li r-rikorrent qed igħid li jeżistu, ċjoe' *recordings* ta' telefonati, u li qiegħed isostni li ma tressqux bħala prova fil-proċeduri kriminali. Pero r-rikorrent stess f'paragrafu 7.7 tar-rikors iddikjara li l-kumpilazzjoni għadha ma ingħalqitx. Dan apparti li

minn dak li qal f'paragrafu 7.4 hu evidenti li għandu rimedju quddiem il-Qorti Kriminali, għal dak li għandhom x'jaqsmu ma' provi li jrid li jitressqu u li jagħti x'jifhem li jeżistu. Ir-rikorrent ma ta l-ebda prova li għamel talba lill-Qorti Kriminali u ma ġietx ikkunsidrata. Il-proċeduri kriminali għadhom pendenti u kwistjonijiet proċedurali dwar provi li għadhom ma tressqux u li r-rikorrent irid li jitressqu, għandhom jiġu kkunsidrati u deċiżi f'dak il-*forum*.

13. Inoltre, r-rikorrent qiegħed jargumenta daqslikieku r-*recordings* li qiegħed jirreferi għalihom huma l-uniku prova li jista' jkun hemm kontrih u li wasslu sabiex jitressaq il-Qorti u jkun akkużat. Pero` dak x'qed jgħid hu. Hu fil-proċeduri kriminali li jitressqu l-provi u mbagħad tittieħed deċiżjoni fuq il-provi li tressaq kull parti. Dan apparti li l-Avukat tal-Istat tikkontesta li l-uniku prova li wasslet għall-arrest tar-rikorrent tikkonsisti f'*recordings*. Meta tikkunsidra li mhemmx qbil dwar il-fatti żgur li mhux f'loku li f'dan l-istadju jsir xi pronunzjament li jista' jolqot il-meritu tal-kawża kostituzzjonali li hemm pendenti.

14. Ir-rikorrent qal ukoll li *prima facie* Kap. 391 jilledi d-drittjiet fundamentali tiegħu. Għal din il-Qorti dak li qiegħed jipprova jagħmel ir-rikorrent permezz tar-rikors tal-14 ta' Ottubru 2019, hu proċess sommarju. L-affarijiet ma jsirux b'dak il-mod. L-ilment tar-rikorrent jittratta dwar l-Artikolu 18 tal-Kap. 391 (ara paragrafu 2.7 tar-rikors

kostituzzjonali), u jsostni li qiegħed iċaħħdu mill-jedd ta' aċċess għall-Qorti. Jekk ir-rikorrent eventwalment jingħata raġun dwar l-ilment tiegħu, il-Qorti tagħti rimedju. Madankollu, f'dan ir-rigward ir-rikorrent m'għamel l-ebda argument li jista' jikkonvinċi lill-Qorti li għandu jitwaqqaf il-proċess kriminali minħabba li qiegħed jimpunja l-Artikolu 18. Dan iktar u iktar meta hu stess qal li fil-proċeduri kriminali l-Prosekuzzjoni ma ppreżentatx ir-recordings li dwarhom ippreżenta l-kawża kostituzzjonali.

15. Fl-aħħar aggravju r-rikorrent argumenta:

> *"8.2 L-esponenti jsostni u hekk jirriżulta mill-provi prodotti fl-istadju tal-kumpilazzjoni illi l-investigazzjoni imxiet fil-konfront tal-esonenti minħabba l-allegati interċettazzjonijiet u li kieku ma kienx għal dawn l-interċettazzjonijiet ma kinitx issir investigazzjoni fil-konfront tiegħu.* ***Huwa għalhekk illi l-proċess fil-Qorti Kriminali għandu jitwaqqaf billi jekk huwa ser jingħata raġun mill-ewwel Onorabbli Qorti ser ifisser li l-esponent lanqas biss qatt messu tressaq akkużat.*** *L-esponenti ma jistax iħalli l-proċeduri kriminali għaddejjin bir-riskju proċedurali u sostantivi kollha inerenti f'tali proċeduri meta huwa għadu qiegħed iressaq l-ilment tiegħu".*

16. Ir-rikorrent jippretendi li l-proċeduri kriminali għandhom jieqfu sabiex jekk eventwalment jingħata raġun, ikun ifisser li qatt ma kellu jitressaq akkużat. Pero`:-

i. Provvediment li qiegħed jitlob ir-rikorrent ma jingħatax għaliex forsi jingħata raġun;

ii. Ser ikun fil-kawża li jiġi determinat fil-meritu jekk ir-rikorrent għandux raġun f'dak li qiegħed jallega;

iii. Ir-rikorrent ħa l-posizzjoni li kienu l-interċettazzjonijiet tal-komunikazzjoni bit-telefon li kienu l-uniku prova li wasslet għall-arrest tiegħu u sussegwenti proċeduri kriminali. Fatt kontestat mill-intimati. Materja oħra li għandha x'taqsam ma' provi u li dwarha l-ewwel Qorti ma setgħetx tieħu posizzjoni dwarha fi stadju daqstant bikri tal-proċeduri.

17. F'dan l-aggravju ir-rikorrent reġa' għamel referenza għall-Kap. 391 tal-Liġijiet ta' Malta u argumenta:

> *"8.3 ..... l-esponent jissottometti illi huwa ma għandux igħaddi minn proċeduri kriminali tant serji meta l-liġi li suppost tirregola l-allegati interċettazzjonijiet li bihom tressaq l-esponenti qegħda tiġi attakkata għal raġunijiet ben noti lill-intimati u għab-bażi ta' ġudizzji kostanti mogħtija mill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem"*.

18. Argument li jitlaq mill-premessa li fil-meritu r-rikorrent għandu raġun, meta għadhom qegħdin jitressqu l-provi fil-kawża. Dan apparti dak li diġa' intqal b'referenza għat-tieni aggravju.

19. F'din il-parti tar-rikors tal-appell, ir-rikorrent għamel ukoll referenza għal dik il-parti tad-digriet tal-ewwel Qorti fejn qalet li minn tliet ko-akkużati kien biss ir-rikorrent li ppropona l-kawża. Fir-rikors tal-14 ta' Ottubru 2019 ir-rikorrent talab biex jingħata provvediment *interim* fis-sens li l-ewwel Qorti tissospendi l-proċeduri **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Degiorgio et** (att ta' akkuża 7/2019) sakemm tinqata' l-kawża kostituzzjonali. Qalet sew l-ewwel Qorti li f'dawk il-proċeduri hemm tnejn min-nies oħra li huma ko-akkużati u għalhekk, *".... il-Qorti ma tistax*

*tippreżumi li huma wkoll iridu li l-proċeduri kriminali jieqfu bil-mod li qiegħed jitlob ir-rikorrent bir-rikors odjern”*. Akkużati li mhumiex parti fil-kawża kostituzzjonali.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kollha kontrih.

Peress li tqis li l-appell hu fieragħ tikkundanna lir-rikorrent iħallas l-ispejjeż lill-intimati Avukat Ġenerali, Kummissarju tal-Pulizija u Kap tas-Servizzi tas-Sigurta` għal darbtejn (Artikolu 223(4) tal-Kap. 12).

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
mb